# P6_TA(2008)0055

# It-Trattat ta' Lisbona

### Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Frar 2008 dwar it-Trattat ta' Lisbona (2007/2286(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra t-Trattat ta' Lisbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea li kien iffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea kif emendati mill-Att Uniku Ewropew u t-Trattati ta' Maastricht, Amsterdam u Nizza,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Diċembru 2007[1],

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Laeken tal-15 ta' Diċembru 2001 dwar il-Futur ta' l-Unjoni,

– wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa ffirmat f'Ruma fid-29 ta' Ottubru 2004,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar il-pjan direzzjonali tal-Proċess Kostituzzjonali ta' l-Unjoni[2] u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2007 dwar it-tlaqqigħ tal-Konferenza Intergovernattiva (IGC)[3],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Baġits, Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0013/2008),

Billi:

A. Matul dawn l-aħħar 50 sena l-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea kien fattur fundamentali biex tiġi stabbilita zona ta' paċi u stabilità f'kontinent li qabel kien imħarbat bil-gwerer, biex jiġu kkonsolidati d-demokrazija, il-ħelsien u d-drittijiet taċ-ċittadin, biex jissaħħu l-prosperità, is-solidarjetà u l-benessri permezz ta' l-akbar suq uniku tad-dinja b'regoli komuni għall-istandards soċjali, il-ħarsien ta' l-ambjent u tal-konsumatur u l-kompetizzjoni ġusta u b'unjoni ekonomika u monetarja, biex sar possibbli li l-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jindirizzaw kwistjonijiet li jmorru lilhinn mill-fruntieri

---

1 ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1.
2 Testi Adottati, P6_TA(2007)0234.
3 Testi Adottati, P6_TA(2007)0328.

nazzjonali u biex l-Ewropa tingħata leħen aktar qawwi fl-affarijiet dinjin,

B. Hemm bżonn rikonoxxut li l-istrutturi ta' l-Unjoni jiġu riformati u jissaħħu sabiex jiġi kkonsolidat dak kollu li nkiseb u biex tittejjeb il-kapaċità li Unjoni ta' seba' u għoxrin Stat Membru, u potenzjalment aktar, taħdem effettivament sabiex tkun tista' tiffaċċja sfidi komuni ġodda u li tkun suġġetta għal aktar kontroll demokratiku,

C. Dan il-bżonn kien l-għajn ta' riformi suċċessivi li, mit-Trattat ta' Maastricht 'l hawn - li rrappreżenta bidla fl-integrazzjoni Ewropea bil-ħolqien ta' unjoni ekonomika u monetarja u l-bidla minn komunità essenzjalment ekonomika għal unjoni politika - ippruvaw jistabbilixxu l-istruttura istituzzjonali ta' l-Unjoni u wasslu għad-Dikjarazzjoni ta' Laeken, li anke fetħet it-triq għal proċess differenti għar-riforma ibbażat fuq il-metodu ta' Konvenzjoni u mhux biss esklussivament fuq il-konferenzi intergovernattivi,

D. It-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa tfassal minn Konvenzjoni, li kienet tinkludi żewġ rappreżentanti minn kull parlament nazzjonali, sittax-il Membru tal-Parlament Ewropew, żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentant ta' kull gvern nazzjonali, li ħejjew abbozz waqt dibattitu pubbliku biex ġie prodott kunsens li essenzjalment baqa' ma nbidilx mill-Konferenza Intergovernattiva ta' l-2004, waqt li t-Trattat sussegwenti ta' Lisbona, li waqqa' wħud mill-karatteristiċi tal-Kostituzzjoni, irriżulta mill-metodi ta' ħidma intergovernattivi aktar tradizzjonali, għalkemm bil-parteċipazzjoni sħiħa ta' tliet rappreżentanti tal-Parlament Ewropew,

E. L-isforz preċedenti biex l-Unjoni tiġi riformata billi t-Trattati jiġu sostitwiti b'Kostituzzjoni ġie approvat minn maġġoranza kbira ħafna tar-rappreżentanti taċ-ċittadini Ewropej fil-Parlament Ewropew[1] u ġie rratifikat minn żewġ terzi ta' l-Istati Membri imma ġie miċħud minn tnejn minnhom (Franza u l-Olanda) u, wara perjodu ta' riflessjoni li matulu deher ċar li l-approvazzjoni meħtieġa mill-Istati Membri kollha ma setgħatx tintlaħaq, dan l-approċċ ġie abbandunat biex minflok jiġu emendati t-Trattati li kienu jeżistu qabel,

F. Din il-bidla fil-metodu u l-proċess, waqt li żammu f'sura ġdida ħafna mill-aġġustamenti prattiċi għall-istruttura istituzzjonali ta' l-Unjoni li kienet tbassret, implikat tnaqqis ta' l-ambizzjoni u l-abbandun ta' diversi karatteristiċi tal-Kostituzzjoni, il-posponiment tad-dħul fis-seħħ ta' wħud mill-mekkaniżmi l-ġodda tagħha u l-inkorporazzjoni fit-Trattati ta' xi miżuri partikulari speċifiċi għal varji Stati Membri,

G. Madankollu, il-fatt li kull gvern nazzjonali fl-Unjoni separatament qabel mat-Trattat, juri li l-gvernijiet eletti ta' l-Istati Membri kollha jqisu li dan il-kompromess hu l-bażi li fuqha jixtieqU jaħdmu flimkien fil-ġejjieni u se jirrikjedi li kull wieħed minnhom juri l-ogħla impenn politiku biex tiġi żgurata r-ratifikazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 2009,

H. Hemm bżonn li t-Trattat ta' Lisbona jiġi ratifikat mill-Istati Membri kollha sa l-aħħar ta' l-2008, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jivvotaw fl-elezzjonijiet ta' l-2009 b'għarfien sħiħ tal-qafas istituzzjonali l-ġdid ta' l-Unjoni,

***Pass pożittiv għall-ġejjieni ta' l-Unjoni***

---

[1] B'500 vot favur, 137 kontra u 40 astensjoni (Riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Jannar 2005 dwar it-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa [Rapport Corbett/Méndez de Vigo], ĠU C 247 E, 6.10.2005, p. 88.).

1. Jikkonkludi li, meta jitqies kollu kemm hu, it-Trattat ta' Lisbona juri titjib sostanzjali fuq it-Trattati eżistenti, iġib aktar responsabilità demokratika fl-Unjoni u jsaħħaħ il-proċess tagħha għat-teħid ta' deċiżjonijiet (permezz tat-tisħiħ ta' l-irwoli tal-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali), isaħħaħ id-drittijiet taċ-ċittadini Ewropew f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Unjoni u jtejjeb l-iffunzjonar effettiv ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni;

***Aktar responsabilità demokratika***

2. Jilqa' l-fatt li se jissaħħu r-responsabilità demokratika u s-setgħat għat-teħid ta' deċiżjonijiet u b'hekk iċ-ċittadini se jitħallew ikollhom kontroll akbar fuq l-azzjoni ta' l-Unjoni, b'mod speċifiku minħabba dan it-titjib li ġej:

(a) l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni kollha ta' l-Unjoni Ewropea se tkun suġġetta għal livell ta' skrutinju parlamentari li ma jeżistix fl-ebda struttura supranazzjonali jew internazzjonali oħra:

– il-leġiżlazzjoni Ewropea kollha, bi ftit eċċezzjonijiet, se titressaq għal approvazzjoni doppja, f'termini ugwali, tal-Kunsill (magħmul mill-ministri nazzjonali responsabbli quddiem il-parlamenti tagħhom) u tal-Parlament Ewropew (magħmul minn Membri Parlamentari li huma eletti direttament);

– l-iskrutinju minn qabel mill-parlamenti nazzjonali tal-leġiżlazzjoni kollha ta' l-Unjoni se jissaħħaħ peress li se jirċievu l-proposti leġiżlattivi Ewropej kollha fi żmien utli biex ikunu jistgħu jiddiskutuhom mal-ministri tagħhom qabel ma l-Kunsill jadotta pożizzjoni, u jiksbu wkoll id-dritt li jitolbu skrutinju ġdid ta' proposta jekk ikunu tal-fehma li ma tirrispettax il-prinċipju ta' sussidjarjetà;

(b) il-President tal-Kummissjoni se jiġi elett mill-Parlament Ewropew, fuq proposta tal-Kunsill Ewropew waqt li jitqiesu l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew;

(c) ir-Rappreżentant Għoli ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà se jinħatar kemm mill-Kunsill Ewropew u kemm mill-President tal-Kummissjoni u, bħala membru tal-Kummissjoni, irid jgħaddi mill-istess proċedura ta' investitura fil-Parlament bħal kull Kummissarju ieħor: bħala Viċi-President tal-Kummissjoni , ir-Rappreżentant Għoli se jkun suġġett għall-istess regoli bħall-Kummissarji l-oħra fil-qafas ta' l-investitura tiegħu u ta' l-eżerċitar tal-funzjonijiet tiegħu;

(d) se tkun stabbilita proċedura baġitarja ġdida, aktar sempliċi u aktar demokratika b'qari wieħed: id-distinzjoni bejn in-nefqa obbligatorja u dik mhux obbligatorja qed tiġi abolita, biex b'hekk tkun żgurata parità sħiħa bejn il-Parlament u l-Kunsill fir-rigward ta' l-approvazzjoni tal-baġit annwali kollu, waqt li l-Parlament qed jingħata wkoll id-dritt ta' kunsens għall-Qafas Finanzjarju Plurijennali li jorbot legalment;

(e) il-kontroll demokratiku meta mqabbel mas-setgħat leġiżlattivi delegati lill-Kummissjoni se jissaħħaħ bil-ħila ta' sistema ġdida ta' sorveljanza li, permezz tagħha, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jew jirrevokaw deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jew jirrevokaw id-delega ta' setgħat ta' dan it-tip;

(f) il-kunsens tal-Parlament Ewropew se jkun meħtieġ għall-approvazzjoni ta' firxa usa' ta' ftehimiet internazzjonali ffirmati mill-Unjoni, inklużi dawk kollha li jikkonċernaw oqsma suġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja fil-kamp intern

ta' l-Unjoni;

(g) il-Kunsill jiltaqa' fil-pubbliku meta jkun qed jiddelibera jew jivvota dwar abbozzi ta' atti leġiżlattivi biex b'hekk iċ-ċittadini jkunu jistgħu isegwu l-attività tal-gvernijiet tagħhom fil-Kunsill;

(h) l-aġenziji, b'mod speċifiku l-Europol u l-Eurojust, se jkunu suġġetti għal skrutinju parlamentari akbar;

(i) il-Kumitat tar-Reġjuni jkun jista' jressaq każi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, iż-żmien fil-kariga tal-membri tiegħu se jiżdied għal ħames snin u r-relazzjonijiet tiegħu mal-Parlament Ewropew se jiġu definiti b'mod aktar ċar;

(j) il-proċedura għar-reviżjoni tat-Trattati fil-ġejjieni se tkun aktar miftuħa u demokratika peress li l-Parlament Ewropew ukoll se jikseb is-setgħa li jressaq proposti għal dan il-għan, u l-iskrutinju ta' kull reviżjoni proposta jrid jitwettaq minn Konvenzjoni li se tinkludi lir-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew, sakemm il-Parlament ma jaqbilx li dan mhux meħtieġ, waqt li qed jiġu introdotti proċeduri ta' reviżjoni simplifikati ġodda biex jiġu emendati, permezz ta' deċiżjoni unanima, ċerti dispożizzjonijiet tat-Trattat, bl-approvazzjoni tal-parlamenti nazzjonali;

***Affermazzjoni ta' valuri, tisħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadin, titjib taċ-ċarezza***

3. Jilqa' l-fatt li d-drittijiet taċ-ċittadin se jissaħħu bħala riżultat tat-titjib li ġej:

(a) il-Karta għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE, li tistipula lista sħiħa ta' drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi u soċjali aġġornati, se ssir torbot legalment; se tagħti ċertezza legali liċ-ċittadini ta' l-Unjoni billi tiżgura li d-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi ta' l-UE, u kull azzjoni li tittieħed mill-istituzzjonijiet ta' l-UE jew li tkun ibbażata fuq il-liġi ta' l-UE, se jkollhom jikkonformaw ma' dawk l-istandards, waqt li jirrispettaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà;

(b) l-Unjoni għandha tapplika biex taderixxi mal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, li se tagħmel lill-Unjoni suġġetta għall-istess reviżjoni esterna fir-rigward ta' l-obbligu li jiġu rispettati d-drittijiet taċ-ċittadin li huma suġġetti għaliha l-Istati Membri tagħha;

(c) id-dispożizzjonijiet il-ġodda se jagħmluha aktar faċli biex iċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet ta' l-Unjoni fuq il-bażi tal-kontribut importanti tagħhom għat-tħejjija tat-Trattat,; se jiġi inkoraġġut id-djalogu ma' l-imsieħba soċjali u d-djalogu mal-knejjes, mal-komunitajiet reliġjużi u ma' l-organizzazzjoni mhux ta' denominazzjoni reliġjuża;

(d) l-introduzzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini ta' l-UE se tippermetti li ċ-ċittadini jressqu proposti dwar affarijiet fejn iqisu li jkun meħtieġ att legali ta' l-Unjoni għall-implimentazzjoni tat-Trattati;

(e) il-protezzjoni ġudizjarja taċ-ċittadini se tissaħħaħ peress li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja se tkun estiża għal kwistjonijiet relatati mal-libertà, is-sigurtà

u l-ġustizzja, kif ukoll għal atti tal-Kunsill Ewropew, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-aġenziji ta' l-Unjoni, waqt li ssir ukoll dispożizzjoni biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-persuni naturali u ġuridiċi għall-proċedimenti tal-Qorti;

4. Jilqa' l-fatt li t-Trattat jistabilixxi, b'mod li hu aktar ċar u viżibbli, il-valuri li huma komuni għall-Istati Membri kollha u li fuqhom hi msejsa l-Unjoni, kif ukoll l-objettivi ta' l-Unjoni u l-prinċipji li jirregolaw l-azzjoni tagħha u r-relazzjonijiet tagħha ma' l-Istati Membri:

(a) qed tiġi stabbilita delimitazzjoni ċara tal-kompetenzi ta' l-Unjoni vis-à-vis l-Istati Membri, skond il-prinċipju li l-kompetenzi kollha li m'humiex mogħtija lill-Unjoni mit-Trattati jibqgħu f'idejn l-Istati Membri;

(b) hemm enfasi akbar fuq il-politika li se jagħti benefiċċju viżibbli liċ-ċittadin: hemm dispożizzjonijiet ġodda ta' applikazzjoni ġenerali li jirrigwardaw il-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija ta' ħarsien soċjali xieraq, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, livelli għolja ta' edukazzjoni, taħriġ u saħħa, l-eliminazzjoni ta' kull tip ta' diskriminazzjoni u l-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel; dispożizzjonijiet ġodda jsaħħu l-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli u l-ħarsien ta' l-ambjent, inklużi l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u r-rispett tas-servizzi ta' interess ġenerali; il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali qed terġa' tiġi affermata bħala objettiv ta' l-Unjoni;

(c) il-konfużjoni bejn il-"Komunità Ewropea" u l-"Unjoni Ewropea" se tintemm peress li l-Unjoni Ewropea se ssir entità u struttura legali waħdanija;

(d) klawsola ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri tipprovdi li fil-każ ta' attakk terroristiku jew ta' diżastru naturali jew magħmul mill-bniedem, iċ-ċittadini jkunu jistgħu jistennew li jirċievu appoġġ mill-partijiet kollha ta' l-Unjoni;

(e) jikkonferma l-ispeċifiċità ta' l-organizzazzjoni istituzzjonali ta' l-Unjoni li l-Istati Membri jafdaw f'idejha ċerti kompetenzi tagħhom li jqisu li jistgħu jiġu eżerċitati aħjar permezz ta' mekkaniżmi komuni, waqt li, biex jiġi evitat kull dubju, jipprovdi biżżejjed garanziji li l-Unjoni m'hix se ssir xi super stat ċentralizzat li jista' kollox, bħal ma huma:

– l-obbligu li tirrispetta l-ugwaljanza ta' l-Istati Membri quddiem it-Trattati kif ukoll l-identità nazzjonali tagħhom, inerenti fl-istrutturi politiċi u kostituzzjonali, fundamentali tagħhom, inkluża l-awtonomija lokali u reġjonali, kif ukoll il-funzjonijiet Statali essenzjali tagħhom, inkluż dawk li jassiguraw l-integrità territorjali ta' l-Istat, iż-żamma ta' l-ordni pubbliku u l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali;

– il-prinċipji ta' setgħat mogħtija (li permezz tagħhom l-uniċi kompetenzi ta' l-Unjoni huma dawk mogħtija lilha mill-Istati Membri), sussidjarjetà u proporzjonalità;

– il-parteċipazzjoni ta' l-Istati Membri nnifishom fis-sistema għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-Unjoni u fil-qbil dwar kwalunkwe bidla fiha;

– ir-rikonoxximent tad-dritt ta' kull Stat Membru li jitlaq mill-Unjoni jekk ikun

jixtieq jagħmel dan;

***Effettività akbar***

5. Jilqa' l-fatt li t-Trattat il-ġdid se jsaħħaħ il-kapaċità ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni li jwettqu dmirijiethom b'mod aktar effettiv, speċifikament għaliex:

(a) l-oqsma li fuqhom il-gvernijiet imlaqqgħin fil-Kunsill jiddeċiedu permezz ta' maġġoranza kwalifikata u mhux permezz ta' l-unanimità se jiżdiedu sostanzjalment, biex b'hekk l-Unjoni ta' seba' u għoxrin Stat Membru tkun tista' tiffunzjona f'aktar oqsma mingħajr ma tiġi mblukkata b'veto;

(b) sistema ġdida ta' votazzjoni b'maġġoranza doppja se tagħmilha aktar faċli li jittieħdu deċiżjonijiet fil-Kunsill;

(c) il-Kunsill Ewropew se jsir istituzzjoni tabilħaqq ta' l-Unjoni Ewropea u l-presidenza li tinbidel kull sitt xhur skond sistema ta' rotazzjoni se tiġi sostitwita minn President elett mill-membri tiegħu għal mandat ta' sentejn u nofs biex b'hekk ikun hemm aktar koerenza fit-tħejjija u fil-kontinwità ta' ħidmitu;

(d) mill-2014 n-numru ta' membri tal-Kummissjoni se jitnaqqas għal żewġ terzi tan-numru ta' l-Istati Membri biex b'hekk ikun iktar faċli għall-Kummissjoni biex tieħu azzjoni u jkompli jiġi ċċarat li l-Kummissarji huma rappreżentanti ta' l-interessi Ewropej u mhux ta' dawk tal-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, waqt li sistema ta' rotazzjoni se tkompli tiżgura parteċipazzjoni ugwali ta' l-Istati Membri kollha;

(e) il-viżibilità u l-kapaċità ta' l-Unjoni bħala parteċipant globali se jissaħħu b'mod sinifikanti:

– ir-Rappreżentant Għoli ta' l-Unjoni għall-Politika Barranija u l-Kummissarju għar-Relazzjonijiet Esterni - żewġ karigi li joħolqu duplikazzjoni u konfużjoni - se jingħaqdu flimkien bil-ħolqien ta' Viċi-President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà li se jippresjedi l-Kunsill ta' l-Affarijiet Barranin, u jkun jista' jitkellem f'isem l-Unjoni dwar dawk is-suġġetti fejn din għandha pożizzjoni komuni biex b'hekk tiġi żgurata aktar koerenza fl-azzjoni esterna ta' l-Unjoni;

– se jkun hemm servizz uniku għall-azzjoni esterna magħmul minn impjegati tas-servizz civili tal-Kummissjoni u l-Kunsill u tas-servizzi diplomatici nazzjonali, li jista' jigi stabbilit mill-Kunsill bil-kunsens tal-Kummissjoni u wara li jkun gie kkonsultat il-Parlament; dan is-servizz estern se jkun immexxi mill-Viċi Presidenti tal-Kummissjoni/mir-Rappreżentant Għoli, għandu jkun marbut mal-Kummissjoni u għandu l-iskop li jiżgura konsistenza akbar fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika barranija ta' l-Unjoni;

– il-kapaċità ta' l-Unjoni li tiżviluppa strutturi komuni fil-qasam tal-politika ta' sigurtà u difiża se tissaħħaħ *inter alia* billi tiddaħħal klawsola li tipprevedi għajnuna u assistenza reċiproka fil-każ ta' aggressjoni armata u b'hekk jissaħħaħ is-sens ta' sigurtà taċ-ċittadini, waqt li tiġi żgurata l-flessibilità meħtieġa fl-għażla ta' approċċi differenti ta' l-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' dan it-tip;

(f) id-distinzjoni bejn strumenti leġiżlattivi u eżekuttivi se tiġi ċċarata u permezz ta' definizzjoni ġdida ta' atti delegati se jkun hemm il-possibilità li l-leġiżlazzjoni ta' l-Unjoni tiġi simplifikata u razzjonalizzata;

(g) l-istruttura tal-pilastri qed tiġi abbandunata biex b'hekk ikun jista' jkun hemm unità ta' azzjoni fl-oqsma ta' attività differenti ta' l-Unjoni permezz ta' mekkaniżmi u strumenti simplifikati, għalkemm in-natura speċifika tal-politika barranija u ta' sigurtà timplika proċeduri speċifiċi f'dawn l-oqsma;

(h) l-azzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja se jkollha għanijiet aktar ambizzjużi u proċeduri aktar effettivi, mhux iktar kif sar s'issa bl-użu ta' strumenti u proċeduri intergovernattivi separati, u se tkun suġġetta għal reviżjoni ġudizzjarja, biex b'hekk jitwiegħed progress tanġibbli f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' ġustizzja, sigurtà u immigrazzjoni;

(i) l-objettivi u l-kompetenzi ta' l-Unjoni fl-oqsma tal-bidla fil-klima, tad-drittijiet tat-tfal, tal-Politika Ewropea għall-Viċinat, l-għajnuna umanitarja, l-enerġija (inkluża referenza fit-Trattat għas-solidarjetà bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam), l-ispazju, ir-riċerka, it-turiżmu, l-isport, is-saħħa pubblika u l-protezzjoni ċivili huma definiti b'mod aktar ċar; il-politika kummerċjali komuni hi rikonoxxuta bħala kompetenza esklussiva ta' l-Unjoni;

(j) fil-każ ta' għadd ta' kwistjonijiet oħra, se tingħata l-possibilità li jiġu applikati metodi aktar effiċjenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet hekk kif ikun hemm ir-rieda politika li jsir dan;

(k) hemm aktar spazju għal arranġamenti flessibbli meta mhux l-Istati Membri kollha jkunu jridu jew mhux kollha jkunu jistgħu jimplimentaw ċerti linji politiċi fl-istess waqt;

*Tħassib*

6. Wara r-riżultati tar-referenda fi Franza u l-Olanda, hu konxju tas-sogħba mifruxa li nħasset li sabiex jiġi żgurat qbil ġdid bejn is-27 Stat Membri kien jeħtieġ li:

– jiġu abbandunati l-approċċ kostituzzjonali u wħud mill-karatteristiċi tiegħu, bħalma hu l-kunċett ta' Unjoni bbażata fuq ir-rieda taċ-ċittadini u l-Istati Membri tagħha, test uniku u strutturat, terminoloġija aktar ċara biex jiġu definiti l-istrumenti leġiżlattivi, l-iffissar tal-bandiera u l-innu fit-Trattat u l-użu tat-titolu "Ministru għall-Affarijiet Barranin" minflok "Rappreżentant Għoli";

– tiġi posposta l-implimentazzjoni ta' elementi importanti tat-Trattat il-ġdid, bħad-dħul fis-seħħ tas-sistema ġdida ta' votazzjoni fil-Kunsill (akkumpanjat b'dispożizzjonijiet speċjali għall-posponiment ta' votazzjonijiet magħrufa bħala l-"kompromess Ioannina"), u jiżdiedu mekkaniżmi ta' restrizzjoni, bħal "brejkijiet ta' emerġenza", mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja f'xi oqsma ta' kompetenza;

– jiġu inkorporati fit-Trattat miżuri speċifiċi għall-Istati Membri partikulari, bħall-estensjoni ta' l-arranġamenti għal żewġ Stati Membri li jistgħu jagħżlu li jieħdu sehem f'dak li għandu x'jaqsam mal-koperazzjoni fi kwistjonijiet tal-pulizija u kwistjonijiet kriminali, il-protokoll li jillimita l-effett tal-Karta fuq il-liġi domestika ta' żewġ Stati

Membri u s-siġġu parlamentari żejjed attribwit lil Stat Membru b'deroga tal-prinċipju ta' proporzjonalità digressiva;

– jiġi modifikat il-mod kif tpoġġa l-kliem f'diversi siltiet tat-Trattat, jew fil-protokolli u d-dikjarazzjonijiet annessi miegħu, li wassal għal bidla mhux ġustifikata lejn ton negattiv, li jagħti impressjoni li hemm nuqqas ta' fiduċja fir-rigward ta' l-Unjoni u l-istituzzjonijiet tagħha u b'hekk jintbagħat sinjal ħażin lill-pubbliku;

***Konklużjonijiet***

7. Jappoġġja t-Trattat u jenfasizza l-bżonn li l-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni jilħqu jirratifikawh fi żmien utli għad-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1 ta' Jannar 2009;

8. Jemmen li t-Trattat ta' Lisbona se jipprovdi qafas stabbli li se jippermetti aktar żvilupp ta' l-Unjoni fil-ġejjieni;

9. Hu konxju li huwa inevitabbli li trattat li jemenda jkun anqas ċar u jkun anqas faċli biex jinqara minn trattat kodifikat; jitlob, għalhekk, li jiġu ppubblikati immedjatament it-Trattati konsolidati kif riveduti mit-Trattat ta' Lisbona, publikazzjoni li tipprovdi liċ-ċittadin b'test bażiku ta' l-Unjoni aktar ċar;

10. Itenni t-talba tiegħu biex isiru l-isforzi kollha, kemm mill-istituzzjonijiet ta' l-UE u mill-awtoritajiet nazzjonali bi qbil mal-prinċipju ta' koperazzjoni sinċiera, sabiex iċ-ċittadin Ewropew ikun informat b'mod ċar u oġġettiv dwar il-kontenut tat-Trattat;

11. Jagħti struzzjonijiet lill-kumitat responsabbli biex iħejji l-bidliet meħtieġa għar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u biex jevalwa l-bżonnijiet għal miżuri ta' implimentazzjoni ulterjuri;

o

o o

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali lill-parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni Ewropea u lil dawk li kienu Membri tal-Konvenzjoni dwar il-Futur ta' l-Ewropa, u biex jiżgura li s-servizzi tal-Parlament, inklużi l-uffiċċji ta' informazzjoni tiegħu, jipprovdu biżżejjed informazzjoni dwar il-pożizzjoni tal-Parlament dwar it-Trattat.